13 ta' Novembru, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Carmela Scicluna *versus* Rosina Chetcuti et.**

**Retratt — Obligazzjoni — Kawża Illeċita — Nullità — Art. 1508 (2) u 1028 tal-Kodiċi Civili.**

*Min għandu dritt jirkupra fond li ġie aljenat ma jistax jittrasferixxi dan id-dritt lil ħadd ieħor; u dan id-divjet huwa sanzjonat mill-liġi b'mod assolut, bħala li jipprojbixxi att li huwa illeċitu.*

*L-att ta' min jeżerċita d-dritt ta' rkupru fl-interess ta' ħadd ieħor, li mingħu jkun miftiehem minn qabel li għandu jittrasferilu dak il-fond malli ssir ir-rivendizzjoni, jammonta għal trasferiment tad-dritt ta' l-irkupru lil ħadd ieħor; u kwindi dak l-att huwa wkoll illeċitu.*

*Għaldaqstant, obligazzjoni ta' persuna li tintrabat li tħallas lil min għandu dritt ta' rkupru l-imgħaxijiet u l-ispejjeż li dan l-aħħar imsemmi jinkorri biex jeżerċita d-dritt tiegħu ta' rkupru favur jew fl-interess ta' dik il-persuna, hija obligazzjoni nulla, bħala li għandha kawża illeċita.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li bi skrittura privata tat-3 ta' Diċembru 1948 l-attriċi ppromettiet li tbiegħ lill-konvenuta, li ppromettiet li tixtri, il-fond nri. 20 u 21 Valletta Road, Raħal Ġdid, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' £1. 7. 4 fis-sena, rata ta' ċens akbar, li preċedentement Giuseppe Cutajar, missier l-attriċi, kien biegħ lil ċertu Giuseppe Abela fl-atti tan-Nutar Dr. John Spiteri Maempel tad-19 ta' Ottubru 1948, kemm-il darba jirnexxilha tieħu l-istess fond taħt idejha (dok. A u B); peress li fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tat-3 ta' Diċembru 1948 l-attriċi sselfet minn għand id-ditta "B. Tagliaferro & Sons" is-somma ta' £700, u ddelegat lin-Nobbli Charles Sant Fournier għall-imsemmija ditta biex jiddepożita minn dina s-somma ta' £700 fir-Reġistru ta' dina l-Qorti somma ekwivalenti għall-prezz, imgħaxijiet relativi u spejjeż, kif effettivament sar b'ċedola ta' rkupru u kontestwali depożitu numru 256 tas-6 ta' Diċembru 1948 (dok. C); peress li bi skrittura oħra l-konvenuta obligat ruħha li tirrifondi lill-attriċi l-imgħaxijiet li dina obligat ruħha li tħallas

fuq is-somma imsemmija ta' £700, kif ukoll kwalunkwe spiża li inkorriet u tista' tinkorri in konnessjoni ma' l-att tas-self fuq imsemmi, u li tirrileva lill-attriċi minn kull dannu li a kawża ta' l-istess self u għall-finijiet ta' l-istess kuntratt tista' ssofri għal motivi indipendenti mill-volontà u ħtija tagħha (dok. D); peress li in vista tal-kontestazzjoni tar-retrattarju Giuseppe Abela u s-silenzju tal-konvenuti għall-ittra uffiċjali tat-2 ta' Diċembru 1949 (dok. E), l-attriċi, għal motivi indipendenti mill-volontà tagħha, ma rnexxielhiex tieħu taħt idejha l-fond fuq imsemmi; peress li l-imgħaxijiet dovuti mill-attriċi lid-ditta "B. Tagliaferro & Sons" in forza ta' l-att tas-self mit-3 ta' Diċembru 1948 sal-31 ta' Diċembru 1950 laħqu s-somma ta' £40. 8. 10, u l-ispejjeż inkorsi mill-attriċi jammontaw għal £19. 19. 6, (dok. F u G); il-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi s-somma ta' £60. 8. 4, in kwantu għal £40. 8. 10 imgħaxijiet bil-5% fis-sena dekorsi mit-3 ta' Diċembru 1948 sal-31 ta' Diċembru 1950, u in kwantu għal £19. 19. 6 spejjeż inkorsi mill-attriċi in konnessjoni ma' l-att tas-self u għall-finijiet ta' l-istess att, jew somma oħra verjuri li tirriżulta dovuta fit-trattazzjoni tal-kawża, oltre l-imgħax dekorribili sal-pagament effettiv tal-bilanċ dovut lill-kreditur fl-ammont ta' £52. 9. 10. Bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jirriżulta li l-fattijiet a bażi tal-kawża huma dawn li sejrin jiġu relatati;

Giuseppe Cutajar, missier l-attriċi, biegħ u ttrasferixxa lil ċertu Giuseppe Abela, fl-attijiet tan-Nutar Dr. John Spiteri Maempel tad-19 ta' Ottubru 1948 il-fond nri. 20 u 21 Valletta Road, Raħal Ġdid (ara kuntratt dok. B fol. 7 tal-proċess) bil-prezz ta' £650, u bil-patt li l-ispejjeż kollha kellhom jiġu sopportati mill-kumpratur. Dana l-fatt ġie a konjizzjoni ta' wlied il-venditur, li dehrilhom li l-prezz tal-bejgħ kien baxx, u milli jidher dawn l-ulied riedu jirkupraw il-post sabiex iġibu prezz aqwa (ara depożizzjoni Dr. Emmanuele D'Agostino fol. 21). L-unika dixxendenti tal-venditur, però, li setgħet teżerċita l-irkupru, skond ix-xhud fuq imsemmi, kienet l-attriċi, li tħajret tagħmel l-operazzjoni a favur

tal-konvenuta, li kienet f'dik l-epoka sfat bla dar. Fil-fatt missier l-attriċi ħajjarha tirkupra favur il-konvenuta, Rosaria mart Giuseppe Chetcuti, u l-attriċi aċċettat, wara li sar ftehim bil-fomm dwar il-vantaġġ tagħha, u fit-3 ta' Diċembru 1948 (ara fol. 36 dok. W), fil-preżenza uffiċjali tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri (apparti persuni oħra) obligat ruħha li tbiegħ, "kemm-il darba jirnexxilha li tieħu taħt idejha l-fond" fuq imsemmi, lill-istess Rosaria Chetcuti, bil-prezz ta' £800 u pattijiet oħra msemmija fil-miktub eżibit fil-fol. 5 u 6 tal-proċess. Simultaneament, u dejjem in konnessjoni ma' l-istess ftehim, ma' dik l-obligazzjoni ta' promessa-vendita, u fl-istess jum (3 ta' Diċembru 1948), saret karta miktuba oħra (ara fol. 35 dok. Z) mill-konvenuta assistita minn żewġha, fejn il-konvenuta msemmija obligat ruħha li tirrifondi lill-istess attriċi "l-imgħaxijiet li l-imsemmija Carmela Scicluna obligat ruħha li tħallas lin-Nobbli Charles Sant Fournier għad-ditta "B. Tagliaferro & Sons" fuq is-somma ta' £700 li l-imsemmi Nobbli Sant Fournier nomine silef lill-imsemmija Carmela Scicluna fl-attijiet tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tat-3 ta' Diċembru 1948, kif ukoll kwalunkwe spiża li l-imsemmija Carmela Scicluna inkorriet u tista' tinkorri in konnessjoni ma' l-att tas-self fuq imsemmi"; u fl-istess kitba Rosaria Chetcuti obligat ruħha wkoll li tirrileva lil Carmela Scicluna minn kull dannu li a kawża ta' l-imsemmi self u għall-finijiet ta' l-istess kuntratt Carmela Scicluna setgħet issofri għal motivi indipendenti mill-volontà u ħtija tagħha;

Minn dana li ntqal jidher li fil-jum 3 ta' Diċembru 1948 saru in konnessjoni ma' l-istess ftehim tliet konvenzjonijiet, u ċjoè (1) il-promessa-vendita bejn l-attriċi u l-konvenuta, (2) l-obligazzjoni tal-konvenuta fejn assumiet li tħallas l-imgħaxijiet tal-mutwu li għall-effettwazzjoni ta' l-operazzjoni kienet assumiet l-attriċi, kif ukoll l-obligazzjoni ta' l-istess konvenuta favur l-attriċi għar-rilevanza ta' kwalunkwe dannu li mill-operazzjoni setgħet issofri l-attriċi, u (3) kuntratt ta' self mill-parti ta' l-attriċi magħmul mid-ditta "B. Tagliaferro & Sons" in atti Edoardo Calleja Schembri;

In segwitu għal dawn l-attijiet l-attriċi, biċ-ċedola nru. 256 tas-6 ta' Diċembru 1948, eżerċitat fuq il-fond "de quo"

d-dritt ta' l-irkupru u dak tal-preferenza, u n-Nobbli Charles Sant Fournier nomine għamel id-depożitu tas-somma ta' £654. 6. 8; liema ċedola ġiet debitament notifikata lil Giuseppe Abela fid-9 ta' Diċembru 1948;

Fit-2 ta' Novembru 1949, Giuseppe Abela interpella lill-attriċi sabiex fi żmien jumejn tirrinunzja għaċ-ċedola tad-dritt minnha eżerċitat, u l-attriċi alla sua volta interpellat liż-żewġ konvenuti, b'ittra uffiċjali tat-2 ta' Diċembru 1949, sabiex fi żmien 48 siegħa minn notifika, igħidulha b'att ġudizzjarju jew b'mod ieħor kienux bi ħsiebhom jakkwistaw jew le d-dar in kwistjoni fil-każ li l-istess tiġi minnha rkuprata minn għand Giuseppe Abela, ħalli b'hekk tkun tista' tirregola ruħha skond ma huma kienu sejrin jiddiriġuha, u dan wara li f'dak l-istess att infurmathom bl-intima ta' Giuseppe Abela, minnu magħmula fit-2 ta' Novembru 1949 (ara dok. H fol. 24), u li sal-jum tat-2 ta' Diċembru 1949, l-istess Abela kien wera biċ-ċar li ma kienx bi ħsiebu jagħmel a favur tagħha r-rivendizzjoni tal-post imsemmi, kif ukoll billi allegat li l-konvenuti, sija lill-Avukat Dr. D'Agostino (dok. I u J fol. 25 u 26), kemm ukoll lil ħadd ieħor, kienu qalulu illi ma kellhomx il-ħsieb illi jseħħu l-att tal-konvenju li kien sar;

Fl-aħħarnett, fil-25 ta' Jannar 1950, l-attriċi b'nota magħmula fit-23 ta' Jannar 1950, milli jidher irrinunzjat għall-eżerċizzju tad-dritt minnha eżerċitat, u tat il-kunsens tagħha sabiex in-Nobbli Sant Fournier nomine jirtira l-ammont ta' £654. 6. 8 li huwa kien iddepożita maċ-ċedola ta' l-irkupru ta' l-attriċi b'delegazzjoni tagħha;

Illi mid-depożizzjoni ta' l-istess attriċi (fol. 41) u dik tal-konvenuta (fol. 48 tergo u 49), jirriżulta "ex admissis" li l-kontendenti kienu ftehmu, qabel ma l-attriċi eżerċitat ir-retratt u dritt tal-preferenza fuq imsemmija, li l-istess attriċi kellha teżerċita dawk l-istess drittijiet mhux għaliha, iżda għall-konvenuta. Kien b'dak l-intendiment, u wara ftehim verbali, li saru l-iskrittura tal-promessa-vendita (dok. A u dok. W. fol. 11 u 36), kif ukoll l-obligazzjoni l-oħra tal-konvenuta assistita minn żewġha (dok. D u Z, fol. 11 u 35), li jġibu t-tnejn id-data tat-3 ta' Diċembru 1948, kif ukoll is-self li għamlet l-attriċi minn għand il-Banka "Tagliaferro".

bla ma jirriżulta li r-rappreżentant ta' dak l-istess Bank kien jaf bil-ftehim imsemmi, per mezz tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri, ta' l-istess jum fuq imsemmi;

Illi kwindi l-kawża (jew motiv) impellenti u determinanti tal-kontendenti sabiex jaslu għall-konvenzjonijiet u obligazzjonijiet imsemmija, ben nota lil-hom it-tnejn, kienet kawża direttament kuntrarja għal-liġi, li fl-art. 1508 (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta, tiddisponi li "il-persuna li għandha dan il-jedd (rkupru legali) ma tistax tittrasferih lil persuna oħra"; liema dispost jammonta li huwa fatt projbit assolutament skond il-liġi, u kwindi illeċitu, li jsir dak li ntqal fid-dispost imsemmi, jew mod ieħor mhux differenti minn dak sanzjonat; u dan oltre l-konsiderand li dawk il-kawżi ma jistgħux jiffurmaw oġġett ta' kuntratt (ara wkoll art. 1028 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta);

Illi fil-verità jingħad li bejn dak li jikkontempla l-art. 1508 (2) tal-Kodiċi Ċivili fuq imsemmi u l-att ta' min "ab initio" jeżerċita d-dritt ta' rkupru indirettament fl-interess ta' ħadd ieħor, li miegħu jkun ġa ftiehem li għandu jittrasferihulu kif issir ir-rivendizzjoni, bi prezz ogħla jew vantaġġ pekunjarju, jew altrmenti, sew taħt il-forma ta' prezz kemm ukoll ta' rigal għall-pjaċir li r-retraenti jkun għamel lill-propost akkwirent, ma hemmx ċertament ebda differenza, kif żammet ferm l-Onorevoli Qorti ta' l-Appell bis-sentenza tagħha ta' l-14 ta' Marzu 1949 in re "Felice Magro vs. Giuseppe Buttigieg" (Vol. XXXIII, P. I, paġ. 432), in konferma ta' dik tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Tagħha Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, tas-16 ta' April 1948;

Illi l-obligazzjonijiet li jkunu fondati fuq kawża illeċita huma nulli "di pieno diritto", u huma improduttivi ta' effetti, u jirriduċu l-att għal sempliċi u meru fatt bla effett; liema fatt ma jagħti ebda azzjoni lill-partijiet li jkunu ikkonkorrew volontarjament u konsapevolment dwar l-illiċeità għalih;

Illi għaldaqshekk, indipendentement mill-fatt li l-konvenut deher fl-iskrittura msemmija sabiex jassisti u jakkonsenti għall-att ta' martu, it-talba attriċi ma tistax tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, prevja d-dikjarazzjoni li l-iskritturi oriġinali Dokumenti 'Z' u 'W' huma null "di pieno diritto", għaliex ġew kuntrattati bil-kawża jew motiv impellenti kuntrarju għal-liġi, u kwindi kienu illeċiti; u peress li l-konvenut deher biss b'ex jagħti l-kunsens u jassisti lil martu, tilliberah;

L-ispejjeż, minħabba l-meritu, jibqgħu bla taxxa, barra minn dawk tal-konvenut li jibqgħu għall-attriċi. Dritt tar-Reġistru bin-nofs bejn l-attriċi u l-konvenuta.